TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 15/11

**Paul Debono**
**vs**
**Magnetic Services Ltd.**

Illum 18 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħamsa u sittin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmi (€65.89), rappreżentanti prezz ta' pompa ta' funtana tal-ilma u li wara xi żmien ġralha l-ħsara.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara pompa ta' funtana tal-ilma mingħand id-ditta intimata għal prezz ta' ħamsa u sittin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmi (€65.89), u wara xi żmien din ġralha l-ħsara u minkejja li s-soċjeta' intimata ppruvat isewwiha diversi drabi, din xorta baqgħet bil-ħsara u bl-istess problema.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jikkonsidra li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli u kif ukoll illi s-soċjeta' intimata m'opponietx għat-talba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' ħamsa u sittin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmi (€65.89), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**